# MINUTI

## Laqgħa tal-Lokalita'

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 1

**Data tal-laqgħa: 30 ta' Settembru 2019**

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fis-7.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dott. Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dott. Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

### RESIDENTI PREŻENTI:
32 –il resident kienu preżenti

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi ta merħba lil kull min attenda għall-ewwel laqgħa tal-lokalita' tad-Disa' Leġislatura.

Diversi residenti lmentaw peress li l-post magħżul għal din il-laqgħa mhux adekwat għax żgħir wisq. Is-Sindku qal li fil-passat il-laqgħa tal-lokalita' kienet issir fis-Sala Aurora u kienu jattendu ftit residenti u ġieli ma kien jattendi ħadd. Għalhekk, il-Kunsill beda jsejjaħ din il-laqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv. Is-Sindku qal li din hi l-ewwel darba li l-attendenza hija daqshekk numeruża.

Peress lir-residenti baqgħu jilmentaw dwar il-post u peress li ġew biex jagħddu l-ilmenti, u mhux biex jisimgħu il-proġetti li qed jiġu ppjanati, il-Kunsill beda jikkunsidra li jaġġorna l-laqgħa u jsejjaħ laqgħa oħra fil-futur qarib f'post akbar.

Is-Sindku qal li skont il-liġi, il-Kunsill huwa obbligat li jsejjaħ laqgħa tal-lokalita' fi żmien tliet xhur mill-bidu tal-leġislatura biex jiġi diskuss il-Pjan ta' Ħidma ta' 5 snin. Apparti minn hekk, il-Kunsill huwa obbligat li jsejjaħ żewġ laqgħat tal-lokalita' fis-sena, waħda f'April u oħra f'Diċembru, fejn ir-residenti jistgħu iressqu l-ilmenti tagħhom. Is-Sindku spjega lir-residenti li m'hemmx għalfejn jistennew laqgħa tal-lokalita' biex jgħaddu l-ilmenti, imma jistgħu jgħadduhom billi jċemplu, jibgħatu *email* / ittra jew jiġi personalment l-uffiċċju.

Residenta qalet li bagħtet diversi *emails* b'ilmenti fuq Triq Sir A. Micallef pero' ma tittieħed l-ebda azzjoni. Is-SE spjegatilha li biex tittieħed azzjoni trid tibgħat id-dettalji tal-ilment u mhux tibgħat ritratt *close-up,* mingħajr lanqas imqar indirizz.

Resident ippropona li f'din il-laqgħa jinqara l-Pjan ta' Ħidma, u wara l-Kunsill isejjaħ laqgħa oħra tal-lokalita' biex ir-residenti japprovaw dan il-pjan. Resident ieħor qal lir-residenti eleġġew il-Kunsilliera biex jagħmlu x-xogħol għal dawn il-ħames snin. Is-Sindku spjega li jekk hemm xi proġett li ma jaqblux miegħu, ir-residenti għandhom dritt joġġezzjonaw, il-proġett ma jsirx u l-fondi ppjanati jintużaw fuq proġetti oħra.

Resident preżenti qal li huwa kulħadd kien jaf l-Agenda ta' din il-laqgħa għax tqassmet f'kull residenza u għalhekk talab li l-laqgħa titkompla kif ippjanat. Resident ieħor ippropona li l-laqgħat tal-lokalita' jibdew isiru f'post akbar u adekwat.

Kien hemm qbil li l-laqgħa titkompla kif ippjanat, u għal futur il-laqgħat tal-lokalita' jibdew isiru f'post akbar.

## 1.1 Pjan ta' Ħidma ta' 5 snin

1.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill għall-5 snin li ġejjin. Is-Sindku infurma lir-residenti bil-proġetti li l-Kunsill qed jikkunsidra li jwettaq dawn il-proġetti għall-ħames (5) snin li ġejjin:

- *Traffic Island* fi Triq il-Qarċilla;
- Tħawwil ta' pjanti u siġar f'diversi toroq bħal Triq il-Ferrovija l-Qadima u Triq l-Imdina;
- Tisbiħ tal-*Playing field* u l-latrina;
- Tisbiħ ta' Wesgħa Ġiġi Gauci;
- Tisbiħ ta' diversi toroq fil-qalba tar-raħal bil-*paving blocks;*
- Tisbiħ tal-għalqa (*parking area*) f'Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina.

1.2 Apparti minn dawn il-proġetti msemmija, is-Sindku qal li wara li IM bdew ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni tal-Wied ta' Ħal Balzan u Triq il-Ferrovija l-Qadima, IM approvaw li jsiru t-toroq magħżula mill-Kunsill (Triq Idmejda, Triq Sir Antonio Micallef, parti minn Triq Qarċilla u Triq l-Għerusija).

## Mistoqsijiet u Suġġerimenti

1 Għalkemm din l-*item* ma kinitx fl-Agenda, ħafna mir-residenti attendew il-laqgħa biex jgħaddu l-mistoqsijiet u s-suġġerimenti tagħhom. Għalhekk, il-Kunsilliera qablu li jisimhu il-mistoqsijiet u s-suġġerimenti ta' dawk preżenti. F'dan ir-rigward is-Sindku stieden lir-residenti biex iressqu l-mistoqsijiet u suġġerimenti li għandhom.

2.1 <u>Triq Idmejda</u>

Resident li joqgħod fi Triq Idmejda infurma lin-nies preżenti bl-applikazzjoni mal-PA li ġiet sottomessa mill-Kunsill, biex diversi toroq fil-qalba tar-raħal jiġi pavimentati bħal ma' diġa' sar fil-pjazza u toroq oħra. Ir-resident ħeġġeġ lil dawk preżenti biex sal-11 ta' Ottubru joġġezzjonaw mal-PA għal dan il-proġett għax qal li se ssir bankina ġdida fi Triq Idmejda man-naħa tal-HSBC. It-triq diġa' hija dejqa kif inhi aħseb u ara jekk issir bankina oħra.

2.2 Is-Sindku qal li dan mhux minnu li se ssir bankina oħra man-naħa tal-HSBC. Is-Sindku qal ukoll li jekk ir-residenti jħossu li għandhom joġġezzjonaw għal dan il-proġett, kulħadd għandu dritt jagħmel dan.

2.3 L-istess resident semma li fi Triq Idmejda kellu jinbidel il-*main* tal-ilma. Ir-resident qal li ilu jagħmel pressjoni biex dan jinbidel mill-2006 pero' baqa' dan ma sarx. Qal ukoll li ilu jbati l-konsegwenzi minn meta sar il-paviment tal-pjazza peress li jżomm l-ilma quddiem ir-residenza tiegħu.

2.4 Kif diġa' intqal qabel, Triq Idmejda hija waħda mit-toroq li ser ikunu qed jagħmlu IM fiż-żmien li ġej.

2.5 Residenta lmentat dwar il-bankina li hemm quddiem il-garaxx ta' 103 għax perikoluża biex timxi fuqha peress li hemm rampa wieqfa u waqgħu xi nies. Sid il-garaxx qal li l-Kunsill responsabbli tal-bankina. Is-Sindku spjega li l-bankina kienet saret mill-Kunsill daqs erba' (4) snin ilu. Is-Sindku qal li kienet saret pressjoni mill-Awtoritajiet biex il-bankina saret kif inhi issa biex ir-resident ikun jista' jdaħħal / joħroġ il-karozza mil-garaxx.

2.6 Is-Sindku qal li dwar dan l-inċident daħlu anke xi Ministri, fejn infurmawna biex nimxu skont il-liġi. Il-liġi tipprojbixxi rampi fuq u taħt il-bankini. Is-Sindku qal li jekk ser inneħħu din ir-rampa, irridu nneħħu r-rampi kollha li hawn fil-lokalita'. Kien hemm diskussjoni dwar dan. Kien hemm qbil lir-rampa tinbarax biex ma tibqax tiżloq.

3 <u>Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>

Resident semma li fi Triq il-Ferrovija l-Qadima k/m Vjal il-Bon Pastur hemm *boundary wall* madwar sit ta' kostruzzjoni li qiegħed mibni 'il barra. Talab li dan jiġi rtirat 'il ġewwa sakemm it-triq tiġi mogħtija t-tarmak kif suppost. Se ninfurmaw lill-Perit inkarigat mill-proġett tat-triq biex ikellmu lis-sid sabiex jirtira l-*boundary wall* 'il ġewwa.

4.1 <u>Triq il-Qarċilla</u>

Resident minn Triq il-Qarċilla staqsa jekk il-Kunsill ħax deċiżjoni dwar il-*one-way* proposta mill-Kunsill. Is-Sindku infurmah li fil-laqgħa tal-Kunsill li saret qabel din il-laqgħa, ġie approvat li parti minn Triq il-Qarċilla (bejn Triq San Franġisk u Triq il-Kannizzata) ssir *one-way* li tipprojbixxi vetturi jidħlu minn Triq il-Kannizzata. Dan wara li l-Kunsill ikkonsulta mar-residenti ta' dik il-parti tat-triq u 2 biss oġġezzjonaw ma' din il-proposta. Ir-resident oġġezzjona dwar kif qed jiġi propost.

4.2 Resident ieħor staqsa dwar kif se jsir monitoraġġ ta' min ser jibda jgħaddi *one-way* meta din tiġi implimentata, għax hemm ammont ta' nies li ma josservawx it-tabelli, bħal ma jsir fi Triq Mons. F X Zahra. Is-Sindku qal li hemm problema ta' infurzar mal-pajjiż kollu. Qal ukoll li suppost bir-riforma tal-LESA kull Kunsill ikollu 2/3 uffiċjali stazzjonati fil-lokalita'.

5.1 <u>Wesgħa Profs. Ġuże Aquilina</u>

Resident staqsa jekk il-*parking bays* f'Wesgħa Profs' Ġuże' Aquilina jistgħux jiġi *fish bone parking*, għax it-triq hija wiesgħa u b'hekk jidħlu aktar *parking bays.*

5.2 Is-Sindku spjega li l-Kunsill għandu proġett ippjanat għal dik it-triq li jinkludi tħawwil ta' siġar pero' qamet *issue* legali dwar ta' min hi t-triq peress li l-amministrattiv tal-Kunvent qed jgħidu lit-triq flimkien mal-bankina huma proprjeta' tagħhom u għalhekk il-Kunsill ma jista' jagħmel l-ebda proġett mingħajr l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jiċċekkja mal-Awtorita' tal-Artijiet jekk it-triq hiex privata jew pubblika.

5.3 Residenta staqsiet dwar jekk il-*cameras* li hemm mal-*Bring-in-Site* jaħdmux għax kontinwament qed jintrema skart illegalement.

5.4 Is-Sindku spjega li ġew imħarrka diversi nies. Qal ukoll li biex isir monitoraġġ tas-sistema trid persuna kontinwament fuqhom u peress li l-Kunsill m'għandux riżorsi umani biżżejjed din is-sistema fil-ġranet li ġejjin se tkun imqabbda direttament mal-LESA, biex isir monitoraġġ b'mod aktar effettiv, u l-infurzar jista' jiġi trattat direttament.

5.5 Xi residenti talbu lill-Kunsill biex jippubblika r-ritratti ta’ min jinqabad iħammeġ bħala ma’ qed isir Birkirkara. Is-Sindku spjega li dan mhux permess minħabba GDPR. Is-Sindku qal ukoll li kif diġa’ ġie mħabbar, il-Kunsill iddeċieda li jżomm il-*Bring-in-Site* bi prova sa Diċembru u jekk il-problema tibqa’, l-Kunsill jikkunsidra li jitneħħew kompletament.

6.1 <u>Għalqa f’Wesgħa Profs’ Ġuże’ Aquilina</u>

Resident ilmenta dwar l-istat diżastruż li tinsab fih l-għalqa. Qal lis-sitwazzjoni hija insapportabbli u hemm bżonn li jsir xi ħaġa mill-aktar fis possibbli.

6.2 Is-Sindku spjega li kellu diversi laqgħat ma’ diversi Ministri tul dawn is-snin li ilu Sindku. Spjega li dik l-art hija tal-Joint Office u għalhekk irid ikollha użu soċjali bħal dar tal-anzjani, *housing* soċjali, etc. Is-Sindku qal li bħala Kunsill ilna nitolbu biex, sakemm din l-art tiġi żviluppata mill-Gvern, tingħata lill-Kunsill b’devoluzzjoni għal ammont ta’ snin, biex sadanittant tiġi mnaddfa, jinbena ċint man-naħa tat-triq privata li tagħti għal villel u tiġi rranġata f’parkeġġ organizzat. Jekk l-art ma tiġix devoluta, il-Kunsill ma jista’ jagħmel xejn f’din l-għalqa.

6.3 Is-Sindku spjega li peress li l-għalqa hija teknikament privata, lanqas il-pulizija ma jistgħu jieħdu azzjoni biex ineħħu l-karozzi abbandunati.

7.1 <u>Parkeġġ fil-pjazza</u>

Resident qal li biex tittaffa l-problema ta’ parkeġġ, il-Kunsill jagħmel *underground parking.* Ir-residenti ddiskutew din il-problema.

7.2 Is-Sindku infurma li fil-Kunsill preċedenti kien qed jiġi propost il-proġett ta’ *underground parking,* u l-bini tal-*playing field* u l-*public convenience* fuqu. Pero’ issa kif ġiet il-liġi tal-iskavar, il-Kunsill żgur li m’għandux il-fondi neċessarji biex jorbothom f’garanziji. Is-Sindku qal li l-Kunsill għadu kif approva l-proġett bll-kunċett ta’ ġnien b’diversi *equipment* li jinkludi wkoll *outdoor gym*, b’xi *water feature*, *irrigation system*, il-*public convenience* jittellgħu fl-istess livell tal-ġnien u titneħħa l-gazebo u l-passaġġi li hemm.

8 <u>Ilmenti fuq Facebook</u>

Resident ilmenta dwar il-fatt li meta jilmenta fuq il-paġna ta’ Facebook ‘*Balzan People*’, ħadd ma jieħu azzjoni. Is-SE infurmat li biex tittieħed azzjoni, l-ilmenti għandhom jintbgħatu fuq il-paġna uffiċjali tal-Kunsill. Huwa impossibbli li l-Kunsill isegwi l-paġni kollha ta’ Facebook biex jara l-ilmenti tan-nies.

9 <u>Tisqija</u>

Resident ilmenta li l-pjanti s-siġar fil-lokalita’ mhux qed jissaqqew regolarment. Is-Sindku qal li skont kif ġie mħabbar fl-aħbarijiet, l-ELC se jwaqqfu l-kuntratti li għandhom fl-aħħar ta’ Diċembru u għalhekk issa tilfu l-interess. Is-Sindku qal li l-Kunsill għadu ma jafx x’ser isir dwar dan is-servizz.

10 <u>Proġett ta’ pavimentar ta’ diversi toroq</u>

Resident staqsa dwar kif ġejja l-bankina ta’ quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq il-Kbira meta jsir il-proġett tal-pavimentar għax jekk jogħla l-livell, ikollu *flooding* ġewwa. Is-Sindku qal li waqt l-implimentazzjoni ta’ proġett (kif jista’ jiġi kkonfermat mir-residenti ta’ Triq il-Ferrovija l-Qadima), kull ilment u suġġeriment imressaq lill-Kunsill jiġi kkunsidrat.

11.1 <u>Xelter fi Triq l-Annunzjata</u>

Resident beda billi rringrazzja lis-Sindku li qed jgħati l-opportunita’ lir-residenti jgħaddu l-mistoqsijiet tagħhom. Ir-resident staqsa jekk il-Kunsill jistax jiġi rranġat ix-xelter li hemm fi Triq l-Annunzjata u jinfetaħ għall-pubbliku.

11.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġa’ naddaf parti mix-xelter min-naħa tal-pjazza għax il-Kunsill kellu pjan li jinfetaħ. Dan ma jistax isir peress li hemm bokok li jinfdu għal dar privati u biex jinfetaħ għall-pubbliku, is-sidien iridu jagħlqu kull aċċess li għandhom għax-xelter.

12.1 <u>Pajpijiet tal-ilma fi Triq il-Kannizzata</u>

Residenta qalet li ftit tax-xhur ilu kienet ilmentat dwar l-istat tal-pajpijiet tal-ilma fi Triq il-Kannizzata k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima u l-Kunsill kien għaddha l-ilment lill-WSC. Ir-residenta kkonfermat li dakinhar stess, ġie ħaddiem mill-WSC jispezzjona. Ir-residenta staqsiet jekk hux se jsir xi ħaġa.

12.2 Is-SE talbet lir-residenta tgħaddilha d-dettalji, biex il-Kunsill jerġa’ jgħaddi l-ilment lill-WSC.

13.1 <u>Lanterni dekorattivi</u>

Resident talab li jinbidlu l-bozoz li hemm fi Triq Antonio Bosio u jsiru lanterni dekorattivi bħal m'hemm f'diversi toroq fil-qalba tar-raħal.

13.2 Is-Sindku qal li ammont ta' nies kienu lmentaw l-Kunsill kien bidel il-bozoz tal-qalba tar-raħal (bil-fondi tal-UIF) għax għandhom dawl qawwi li kien qed idejjaqhom. Is-Sindku qal li jekk hemm xi triq li jixtiequ dawn it-tip ta' dwal, l-ewwel irid ikun hemm approvazzjoni bil-miktub tar-residenti li qed jaċċettaw li jeħlu mal-faċċata tagħhom. Wara, il-Kunsill iġib kwotazzjoni biex jinbidlu ta' triq sħiħa biex tkun tista' tiġi kkunsidrata l-ispiża mill-Kunsill. Qal ukoll li min irid jista' jagħmel il-bozza għas-spejjeż tiegħu, ovvjament l-ewwel irid iressaq talba għall-approvazzjoni tal-Kunsill, bħal ma' għamel ir-resident ta' Triq Idmejda.

14 <u>Tappiera mkissra fuq il-bankina</u>

Resident ilmenta fuq it-tappiera mkissra fuq il-bankina quddiem dar nru. 8 fi Triq l-Annunzjata, u li riċentament ġiet mgħottija b'ġebla. Is-SE infurmat li ġejna nfurmati li din it-tappiera ġiet imkissra minn ħaddiema tal-Enemalta u l-Kunsill diġa' għaddielhom l-ilment biex jirranġawha. Qalet ukoll li sal-ġimgħa d-dieħla ma ssirx, ser tibgħat lill-ħaddiema tal-Kunsill biex jirranġawha huma.

15 <u>*Reserved parking for disabled*</u>

Resident ilmenta li ta' kuljum ikun hemm karozzi pparkjati fuq ir-*reserved* fi Triq l-Annunzjata mingħajr m'għandhom *blue badge*. Il-Kunsill ser jgħaddi l-ilment lill-pulizija.

16 <u>*Bus Stop* ġdida fi Triq Birbal</u>

Residenta qalet li ilha titlob li ssir *Bus Stop* fi Triq Birbal fl-akwati ta' Triq il-Kannizzata. Is-SE infurmat li l-Kunsill għaddha din it-talba drabi lill-TM u ser terġa' tibgħat *reminder.*

Fl-aħħar nett, resident irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsilliera kollha tax-xogħol li qed jagħmlu għar-raħal.

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri irringrazzja lir-residenti li kienu preżenti talli attendew għal din il-laqgħa u assigura lir-residenti li l-laqgħa tal-lokalita' li jmiss issir f'post aktar adegwat.

Il-laqgħa ntemmet fid-8.40pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 20 ta' Ottubru 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |